# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 10**

**Avviz numru 1537/99mm**

**Express Travel Ltd.**

**Vs**

**Frederick Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Ottubru, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha s-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm738.89) rapprezentanti "cancellation charge" u dan wara li l-konvenut ikkancella vjagg (cruise) ghal erbgha min-nies illi kien ibbukkja minghand is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-20 ta' Awissu, 1999, u bl-imghax legali mill-1 ta' Gunju, 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress li l-eccipjenti m'ghamel l-ebda ordni ta' xi vjagg (crusie) ghal erbgha min-nies kif qed tallega s-socjeta' attrici u quindi ma hija dovuta ebda *cancellation charge* mill-eccipjenti.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tad-29 ta' Mejju, 2002, fejn irriduciet it-talba ghas-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm572.17);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi bejn id-direttur tas-socjeta' attrici, Raymond Bondin u il-konvenut Frederick Azzopardi, kien hemm certa hbiberija peress illi t-tnejn jahdmu fl-istess ufficini.  Raymond Bondin ghandu wkoll negozju ta' l-ivvjaggar, li hija s-socjeta' attrici u il-konvenut kien thajjar jibbukkja vjagg mas-socjeta' attrici ghal Awissu tas-sena 1998.

Ghalhekk is-socjeta' attrici baghtet lil Paul Debattista, skrivan maghha sabiex jitkellem mall-konvenut u jara kif jorganizza dan il-vjagg. Kien hemm mill-anqas inkontru wiehed, fejn Paul Debattista dahal fid-dettalji kollha ta' dan il-vjagg. Gew stabbiliti l-granet, il-postijiet illi kellu jinkludi wkoll *cruise* fil-Grecja.

Dawn id-dettalji gew moghtija lill-konvenut u kopji taghhom jinsabu esebiti a Fol. 31 u 32 tal-process. Ma' dawn id-dettalji nghataw ukoll il-kondizzjonijiet generali li huma a Fol. 34, fejn fost affarijiet ohra hemm indikati l-konsegwenzi tal-kancellament.

Paul Debattista jghid illi l-konvenut ikkonferma mieghu personalment il-*booking*. Ghalhekk beda' l-process sabiex jibbukkja l-vjaggi, l-lukandi kif ukoll il-vapur. Dawn il-*bookings* saru kollha u ghal habta tal-bidu ta' Awissu, gie nfurmat illi l-konvenut ma kienx sejjer ikompli b'dan il-vjagg minhabba l-elezzjonijiet generali li kellhom isiru f' Settembru. Gie osservat illi dan il-vjagg kellu jkopri l-granet bejn it-tnax (12) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu, ghalhekk qabel l-elezzjoni generali li kellha ssir ix-xahar ta' wara.

Il-konvenut filwaqt illi jikkonferma illi sar inkontru ma' Paul Bedattista, u wkoll illi dan ta' l-ahhar ghamel xogholu sewwa fejn gew moghtija d-dettalji kollha ta' dan il-vjagg, insista li, "Qatt ma tajtu xi *committment* dwar dan il-vjagg."

Min-naha l-ohra Ray Bondin, a Fol. 52, li ta spiss kien jiltaqa' mall-konvenut, xehed illi ma kinitx l-ewwel darba illi l-konvenut ikkonferma l-*booking* mieghu, tant hu hekk illi huwa kien jiehu hsieb jara li dawn il-*bookings* u l-organizazzjoni taghhom jimxu mill-ufficcju tas-socjeta'

attrici.  Il-konvenut kien qallu wkoll li ma kienx hemm problemi dwar il-*bookings*.

Mart il-konvenut, Nadette Azzopardi tghid pero', illi l-vjagg thassar mhux tant minhabba l-elezzjoni generali, tant minhabba l-mard ta' ommha illi propju avera ruhu f'dawk iz-zminijiet.  Ommha fil-fatt mietet f'Dicembru, ta' l-1998, u qalet testwalment, "Wara li mardet il-mama jiena ma stajtx insiefer u ghalhekk ikkancellajna kollox u ma komplejnix nidduskutuha."

Milli jidher Nadette Azzopardi ma tantx kienet infurmata dwar dak illi kien qieghed jigri, peress illi spiccat ix-xhieda taghha billi qalet illi ma kienux waslu fi stadju illi jiffissaw il-granet ghal dan il-vjagg.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, l-Qorti m'ghandhiex duddju illi s-socjeta' attrici dahlet f'*commitments* kbar ghal dan il-vjagg, liema *committments* zgur ma kinitx tidhol ghalihom illi kieku ma kellix il-konferma tal-*booking* minghand il-konvenut.  Id-dettalji kollha necessarji ghall-organizazzjoni ta' dan il-vjagg u *booking*, gew moghtija lis-socjeta' attrici, inkluzi l-ismijiet tal-persuni kollha illi kienu ser inkun nvoluti.  Mhux hekk biss, talli gew diskussi u ikkonfermati kemm il-vjagg bl-ajru, il-mawra fil-lukanda u il-*cruise* fil-Grecja.

Il-problema tas-socjeta' attrici ma kinitx tant ir-rifuzjoni tal-flus imhallsa ghal parti li tirrigwarda l-organizazzjoni minn Malta, tant ghal dan il-*cruise* illi kienet tiddependi esklussivament minn operaturi esteri.

Min-naha taghha l-Air Malta ghamlet il-*booking* ghal dan il-*cruise* illi gie kkonfermat minn dawn l-operaturi.  Meta imbaghad sar il-kancellament kienu dawn l-operaturi illi nsistew ghal dan il-*cancellation charge*, liema *charge* giet attribwita l-ewwel lill-Air Malta u imbaghad lis-socjeta' attrici u issa qed tipprova tirreklamha minghand il-konvenut.

Kif gia inghad, is-socjeta' attrici dahlet f'hafna spejjez, liema spejjez gew bhala konsegwenza diretta tal-ingagg illi ghamel il-konvenut ghal dan il-vjagg.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li fil-fatt il-konvenut ikkonferma dan il-vjagg.  Tant hu hekk li martu a Fol. 62 tghid fost affarijiet ohra illi huma ddecidew illi 'jikkancellaw' (sottolinear tal-Qorti) kollox.  Jekk kif qalu l-konvenuti ma kienx hemm *booking*, il-Qorti ma tifhimx ghal x'hiex riedet tikkancella.  Dana kollu jindika illi l-konvenuti kienu jafu illi huma kkonfermaw dan il-*booking* u raw kif ghamlu bi skuza jew ohra sabiex jiffrankaw dik il-penali illi giet imposta fuqhom.

Li kieku kien veru illi omm il-mara tal-konvenut mardet dak iz-zmienijiet u mietet f'Dicembru ta' l-1998, l-ahjar prova kienet tkun certifikat tal-mewt, izda dana ma ngabx u l-anqas ma hija skuza illi giet notifikata elezzjoni generali ghal Settembru ta' l-1998.

Il-konvenut seta' jara x'inhuma l-prijoritajiet tieghu, jew jonoraw l-obbligazzjoni li huwa dahal fiha, jew inkella jaghzel li jaghti kontribut ghall-elezzjoni u jerfa' l-konsegwenzi ta' din id-decizjoni.  Ma jistax

jippretendi illi jiddeciedi mod u imbaghad jahrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi l-konvenut dahal f'din ir-relazzjoni u ikkonferma dan il-*booking* diversi drabi kemm ma' Paul Debattista, kif ukoll ma' Ray Bondin.  Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni l-ghala li tiddubita mill-veracita tax-xhieda taghhom, aktar u aktar meta kienu huma stess illi organizzaw dan il-vjagg a beneficcju tal-konvenut, liema organizzazzjoni kienet tinvolvi ammont ta' spejjez da parti taghhom.

Kif tajjeb osservaw dawn ix-xhieda mhuwiex normali li huma jaccettaw *booking* minghajr ma l-ewwel ikun hemm depozitu, kienet biss il-hbiberija ezistenti bejn il-konvenut u Ray Bondin illi f'dan il-kaz ma ttehidx depozitu.  Kif jidher, darba jkun hemm il-flus fin-nofs, facli li din il-hbiberija tigi ttraduta.  F'dan il-kaz, evidentement il-konvenut ma tantx kien jimpurtah wisq minn din il-hbiberija, basta jiffranka dawn il-ftit mijiet ta' flus illi gew imposti fuqu konsegwenza tal-agir tieghu stess.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ghandha trid tezigi dan il-*cancellation charge* kemm ai termini tal-kondizzjonijiet generali a Fol. 34, kif ukoll ai termini tal-*booking* illi l-konvenut ghamel mas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hames mija u tnejn u

sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm572.17) rapprezentanti *cancellation charge* u dan wara li l-konvenut ikkancella vjagg (*cruise*) ghal erbgha min-nies illi kien ibbukkja minghand is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur